MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1027/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**
**Spettur Pio Pisani**

**vs**

**Ronald Apap**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Ronald Apap, bin Carmel u Anna nee' Cassar, mwieled fis-07 ta' Marzu 1970 u residenti Flt13, Block VII, Bieb 25, Trejqet il-Ward, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita' numru 150470(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer u cioe fi Triq il-Bezbizija, Mosta nhar it-03 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tal-11:00 a.m.

Volontarjament kiser il-bon ordni b' ghajjat u/jew glied.

Hebb kontra l-persuna ta' George Farrugia b' oggett iebes (gebla) u ghamel griehi hfief  kif gie ccertifikat minn Dr. Mario Sammut M.D.

Volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg li jappartjenu lil George Farrugia liema  ma' teccedix l-hamsin lira Maltin.

Il-Qorti kienet mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' George Farrugia u jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat torbot lil hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' Jannar 2004 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2004  iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita

Semgaht l-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda argument li allegatament inqala' bejn zewg sewwieqa, il-parti civili George Farrugia u l-imputat, fit-3 ta' Lulju 2003 fi Triq il-Bidnija l-Mosta ghall-habta tal-11.00am fejn il-parti civili George Farrugia qed jallega li l-imputat ikkagunalu girehi ta' natura hafifa u li kkawzalu hsara fil-windscreen tal-vettura tieghu kif ukoll fl-arlogg li kien liebes.

George Farrugia xehed fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2007 fejn spjega li kien ghaddej bil-vettura tieghu minn hdejn ir-roundabout li taghti ghall-Imgarr u l-Mosta, kien hemm vann parkeggjat man-naha tax-xellug tieghu u malli ghadda minn hdejn dan il-vann il-persuna li kien hemm hdejn il-vann qabdet gebla u wadbitha fid-direzzjoni tal-vettura tieghu. Farrugia identifika lill-imputat bhala l-persuna li waddab il-gebla u spjega li lill-imputat ma kienx jafu qabel l-incident. Huwa qal ukoll li meta waqaf u staqsa lill-imputat il-ghala kien waddablu l-gebla dan qabad gebla ohra minn fuq il-hajt u tah daqqa biha f'rasu, Farrugia kompla jispjega li huwa storda u waqa' mal-art u l-imputat beda' jaghtih bis-sieq waqt li kien mal-art. Wara li waqfu xi nies sabiex jifirduhom Farrugia mar l-Ghassa tal-Mosta jaghmel rapport u wara mar il-Health Centre fejn sarulu zewg punti. Farrugia spjega li fil-hin tal-incident fil-vettura mieghu kellu liz-zewg uliedu mieghu u qal li l-hsara li giet kagunata fil-vettura tieghu kienet tammonta ghal tmenin Lira Maltin (Lm80) (ara ricevuta esebita a fol. 40) u spjega inoltre li fl-incident inkisirlu l-arlogg izda f'dan ir-rigward irid jigi rilevat li la giet esebita ricevuta rigwardanti l-arlogg u l-anqas ma gie indikat valur tal-istess arlogg.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 45 et sequitur tal-process) fejn jghid li dakinhar tal-incident huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu fil-lokalita' in kwistjoni gej minghand ommu li toqghod Bugibba u sejjer Santa Lucija fejn kien joqghod meta waqaf jitkellem ma persuna li ma kienx jafha izda li jaf li kienet tahdem ma Polidano Brothers u kien qed jistaqsiha ghal xoghol u wara li kellem lil din il-persuna dahal fil-vann tieghu u saq u wara ftit ra vettura Peugeot gejja mal-genb tieghu qed tipprova taqilghu u huwa jghid li ssikka mal-genb sabiex ihalli lil din il-persuna tghaddi meta f'daqqa wahda sab din il-vettura quddiemu u kellu jieqaf ghaliex ma setghax jghaddi. Huwa jghid li ra lis-sewwieq tal-imsemmija vettura johrog minnha b'hadida tal-lock steering f'idejh u dan mar hdejn il-bieba tieghu u qallu 'ohrog ha nghidlek jien ghax naghtik xebgha'. L-imputat jghid li huwa ghalhekk hareg mill-vettura tieghu u malli ghamel hekk il-persuna l-ohra refghat idejha fuqu u

huwa prova jiddefendi ruhu billi mbotta lil persuna l-ohra u spiccaw sabiex it-tnejn waqghu mal-art u huwa gie fuq il-persuna l-ohra u beda’ jzommlu l-hadida. L-imputat jghid li mbaghad waqfu xi nies bil-vetturi taghhom u ferquhom u huwa mar il-policlinic u l-Ghassa tal-Mosta fejn gie infurmat li l-persuna l-ohra kienet qed tghid li huwa kien waddab gebla fuq il-windscreen tal-vettura tieghu. Huwa jghid li lill-persuna l-ohra ma kienx jafha qabel l-incident u li jahseb li l-parti civili ha zball ghaliex huwa ma kienx waddab gebel fuq il-windscreen ta’ ebda vettura.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet ghal kollox kontrastanti dwar kif sehh l-allegat incident li jifforma l-mertu ta’ din il-kawza u trid ghalhekk tara liema verzjoni hija l-aktar kredibbli. Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti civili George Farrugia hija ferm aktar kredibbli u tista’ tiwemmen. Min-naha l-ohra l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat hija pjuttost inverosimili u dan ghal diversi ragunijiet:-

Huwa pjuttost inverosimili li wiehed jieqaf f’nofs tat-triq u f’nofs il-kampanja sabiex ikellem persuna li ma jafhiex sabiex jistaqsi dwar kif jista’ jsib ix-xoghol.

Huwa wkoll kemm xejn inverosimili li pesuna rinfaccjata b’xi hadd b’hadida f’idejh qed jghidilha li ser jaghtiha xebgha tinzel mill-vettura taghha minflok tibqa’ fil-vettura u tiprova titlaq minn fuq il-post.

L-imputat jghid li huwa kellu xi griehi bhala konsegwenza tal-incident izda ma provda ebda certifikat mediku fir-rigward u inoltre l-anqas ma jirrizulta li huwa ghamel rapport fil-konfronti tal-parti civili jew li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tal-parti civili tali kkaguna griehi lill-imputat.

Il-parti civili identifika lill-imputat bhala l-persuna li waddab il-gebel lejn il-vettura tieghu u spjega li meta huwa waqaf bil-vettura tieghu sabiex jistaqsi lill-imputat il-ghala kien waddablu gebla dan qabad gebla ohra minn fuq il-hajt u

rega' waddabielu u ghalhekk huwa pjuttost inverosimili li l-parti civili seta' tfixkel lill-imputat ma haddiehor kif qed jissuggerixxi l-istess imputat.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-akkuzi kolha migjuba fil-konfronti tal-imputat gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u huwa ser jinstab hati tal-istess akkuzi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti jidrilha li c-cirkostanzi tal-kaz ma jimmeritawx li tigi imposta piena karcerarja u li jkun aktar opportun li l-Qorti tordna li l-parti civili jigi rizarcit tad-danni li huwa sofra fil-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 338(dd), 325(1)(b), 221 u 339 (1)(b) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum u bil-kundizzjoni li sa zmien sitt(6) xhur millum ihallas lil parti civili George Farrugia l-ekwivalenti f' Euro tas-somma ta Lm84.96 (€197.90).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------